MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2118/1998/1

Raymond **PSAILA**

vs

**PISCICULTURE MARINE DE MALTE LIMITED**

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta biex jipprovdi dwar talba magħmula mill-avukat tal-attur waqt is-smigħ tad-19 ta' Novembru, 2003, biex iressaq lill-attur mill-ġdid b'xhud dwar ċerti fatti msemmijin minn Robert Aquilina, rappreżentant tal-kumpannija mħarrka, minnha mressaq b'xhud waqt dak is-smigħ;

Għal din it-talba, l-avukat tal-kumpannija mħarrka oppona li l-attur jerġa' jiftaħ l-istadju tal-provi wara li kien iddikjara li ma kellux provi iżjed x'iressaq;

Għal żmien twil, din il-kawża kienet qegħda tinstama' minn qorti presjeduta minn ġudikant ieħor, u s-smigħ kien, għall-ewwel, limitat għat-trattazzjoni tal-eċċezzjoni ewlenija li l-azzjoni kienet preskritta;

Kemm hu hekk, l-attur kien iddikjara li għalaq l-istadju tat-tressiq tal-provi tiegħu dwar dik l-eċċezzjoni waqt is-smigħ tal-14 ta' Ġunju, 2000[1];

Wara li ngħatat is-sentenza li ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni[2], l-attur reġa' beda jressaq provi oħrajn fil-mertu u fis-smigħ tat-30 ta' Marzu, 2001[3], iddikjara li kien għalaq il-provi;

Meta nqala' l-episodju li dwaru qiegħed jingħata dan il-provvediment, il-kumpannija mħarrka kienet għadha kemm iddikjarat li kienet għalqet l-istadju tal-provi mressqin minnha. Kien dwar fatt imsemmi fir-ri-

[1] Paġ. 28 tal-proċess
[2] Fit-2.10.2000,f'paġġ. 35-40 tal-proċess
[3] Paġ. 61 tal-proċess

eżami tax-xhud Aquilina li l-avukat tal-attur ressaq it-talba biex l-attur jerġa' jixhed;

Il-liġi proċedurali tipprovdi li kull prova mressqa għandha tkun rilevanti[4] u l-aħjar li l-parti tista' tressaq[5], filwaqt li lill-Qorti hija mogħtija s-setgħa li li tħalli li jsiru minn parti mistoqsijiet li l-ħtieġa tagħhom tkun ġiet mit-tweġibiet mogħtija mill-eżami jew il-kontro-eżami[6]. Ir-ri-eżami jista' għal kull fini jixxebbah mal-kontro-eżami;

Fil-każ preżenti, l-attur ma setax kien jaf, fl-istadju tat-tressiq tal-provi tiegħu, b'dak li kien se' jixhed Robert Aquilina dwar jekk kienx kellem lil xi ħadd dwar il-kundizzjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-persuna li kienet taħdem mal-kumpannija u li kienet involuta direttament mal-impjegati (jiġifieri, Murdo McLeod) llum il-ġurnata ma tinsabx f'Malta. Il-liġi wkoll tipprovdi rimedju f'każ bħal dan[7];

Il-Qorti tqis li huwa fl-interess tal-ġustizzja li l-attur jitħalla jixhed dwar il-fatt imsemmi fil-verbal, u dan ukoll biex jiġi assikurat li l-partijiet ikunu tassew soddisfatti li ressqu kull prova rilevanti tagħhom qabel ma l-Qorti tiddikjara l-istadju tal-provi magħluq;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi favorevolment dwar it-talba tal-attur sabiex l-istess attur jitħalla jagħti x-xhieda tiegħu dwar il-punt jekk kienx jirrapporta regolarment lill-kumpannija mħarrka dwar il-korriment tiegħu u, jekk dan seħħ, lil min;

---

[4] Art. 558 tal-Kap 12
[5] Art. 559 tal-Kap 12
[6] Art. 581 tal-Kap 12
[7] Art. 599 tal-Kap 12

Din id-direttiva hija mingħajr ħsara għall-jedd tal-kumpannija mħarrka li tirregola ruħha kif imiss dwar il-provi hekk imressqa, jekk ikun il-każ;

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------